MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2008

Numru. 9/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**vs
Jason Micallef bin Angelo u Emanuela nee' Portelli, imwieled Melbourne Victoria Awstralja, fis-27 ta' Jannar, 1973 u residenti fi 12, Triq Kolaci, Munxar, Ghawdex, detentur
tal-karta tal-identita' numru 289990(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Jason Micallef li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Novembru 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-hanut ***Sound and***

***Vision*** fi Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex, xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' optical diskettes konsistenti f'DVDs;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha;

u aktar ukoll talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 5 ta' Marzu 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-ogetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' espert jew periti fil-proceduri hekk kif ikkomtemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-knsens ta' l-Avukat Generali datat 4 ta' Jannar, 2008;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat illum stess liema ammissjoni giet riaffermata;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl tad-dokument esebiti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-ewwel (1) akkuza peress illi dina hija akkuza alternattiva ghat-tieni (2) Kap ta' l-akkuzi;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali kwazi netta tieghu u l-fatt li kkolabora bi shih mal-Pulizija;

Ghlahekk il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikolu 18, 49, 50, 298 (B) tal-Kap 9, filwaqt illi tilliberah mill-ewwel (1) akkuza peress illi din hija akkuza alternattiva ghat-tieni (2) wahda, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u tikkundannah ihallas multa ta' elf Euro (€1000);

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-dokument J esebit fl-atti processwali u ghal dan il-ghan il-Qorti qed tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex tiehu hsieb id-distruzzjoni ta' l-istess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------